MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 219/2004

**Untours Insurance Agents Limited (C5655) ghal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Carmel Coleiro u l-istess Carmel Coleiro ID 896249M**

**Vs**

**Charles Vella**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' sitt mija u sitta u disghin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm696.57c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ghal dana l-incident u dan ghaliex fil-mument ta' l-incident huwa kien qieghed fuq xoghol b'vettura difettuza moghtija lilu mill-employer tieghu.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-*Front to Rear Collision Form* fejn Carmel Coleiro qal:

"Kont wieqaf nistenna l-queue ta' karozzi wieqfin diehlin il-mina u t-trailer ma zammlux il-brejks u baqa' diehel fija."

Ra x-xhieda ta' Carmel Coleiro fejn jikkonferma li qal fil-*Front to Rear Collision Form*. Jghid ukoll illi l-konvenut wara l-incident kien ammetta t-tort tieghu.

Coleiro jghid illi kien mar ikellem l-employer tal-konvenut izda ma kienx hemm. Akkumpanja wkoll lill-konvenut ghand l-assigurazzjoni tieghu u tkellmu ma' John Cassar li talbu l-licenzja. Jghid illi hu kemm-il darba kien icempel lill-assigurazzjoni tal-konvenut imma dejjem kien jigi nfurmat li qatt ma pprezenta l-licenzja.

Jikkonferma li hallas hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) bhala *excess* u tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm28) bhala *loss of use*.

Ra r-Rikors ipprezentat mill-konvenut fejn jghid illi m'huwiex qieghed jikkontesta l-entita' tad-danni sofferti mill-assigurat tas-socjeta' attrici izda jsostni li m'ghandux jigi ritenut responsabbli ghall-kollizjoni hekk kif spjegat fir-Risposta.

Jghid illi dak iz-zmien kien impjegat mas-socjeta' Wembley Crane Hire Limited liema socjeta' estera ghandha tigi kjamata fil-kawza. Ra li din it-talba ghall-kjamata fil-kawza giet michuda b'digriet tas-27 t'Ottubru, 2004.

Ra x-xhieda ta' Mario Mifsud li huwa Claims Manager mas-socjeta' attrici fejn jikkonferma d-dokumenti esebiti.

M’hemmx dubju li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident billi naqas li jzomm il-vettura tieghu taht il-kontroll necessarju. Illi l-konvenut naqas li jgib provi dwar l-allegat brakes difettuzi. L-ammont ta’ danni mhux ikkontestat.

Ghaldaqstant jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont ta’ sitt mija u sitta u disghin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm696.57c) bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax mill-10 t’April, 2004 kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------